Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/2052(INI)

24.10.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward is-sitwazzjoni fis-Sirja
(2023/2052(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Nathalie Loiseau

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward is-sitwazzjoni fis-Sirja
(2023/2052(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 118 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0000/2023),

A. billi l-proċessi ta' Ġinevra u ta' Astana ma rnexxewx, minħabba li r-reġim Sirjan jirrifjuta kontinwinament li jinnegozja serjament soluzzjoni politika mal-oppożizzjoni;

B. billi mill-2011 nofs miljun Sirjan u Sirjana mietu u 14-il miljun Sirjan u Sirjana ġew spostati minħabba azzjoni vjolenti minn gruppi armati u terroristiċi, iżda prinċipalment bħala riżultat tar-repressjoni ħarxa mir-reġim Sirjan bl-għajnuna tal-alleati tiegħu kontra l-poplu tiegħu stess; billi din ir-repressjoni inkludiet l-użu ripetut ta' armi kimiċi, bombi inċendjarji, bombi kartell, missili u bombardamenti konvenzjonali mill-ajru fuq iċ-ċivili; billi mill-inqas 150 000 Sirjan u Sirjana huma nieqsa fis-sistema ta' konċentrazzjoni tar-reġim u l-familji għadhom mhumiex infurmati dwar id-destin tal-maħbubin tagħhom;

C. billi atturi awtoritarji barranin, b'mod partikolari r-Russja, il-milizzja Wagner, l-Hezbollah u l-Iran, ilhom jiżvolġu rwol distruttiv għall-pajjiż mill-2011, u billi r-reġim Sirjan ma jikkontrollax it-territorju nazzjonali kollu u jista' jibqa' fil-poter biss bl-appoġġ ta' dawn l-atturi barranin;

D. billi t-Turkija tinvolvi ruħha f'azzjonijiet armati fuq skala kbira fit-territorju Sirjan fuq bażi regolari;

E. billi l-Istat Iżlamiku wettaq delitti kontra l-umanità, inklużi delitti ta' ġenoċidju, fit-territorji taħt il-kontroll tiegħu temporanjament qabel l-azzjoni tal-koalizzjoni internazzjonali;

F. billi l-assi ta' 289 individwu u 70 entità direttament involuti fir-repressjoni tal-popolazzjoni huma soġġetti għal sanzjonijiet Ewropej;

G. billi bħala riżultat tas-sitwazzjoni kontinwa ta' imblokkar tar-Russja mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), għad fadal punt ta' qsim wieħed biss bejn it-Turkija u ż-żoni mhux ikkontrollati mir-reġim għat-twassil ta' għajnuna umanitarja internazzjonali;

H. billi diversi pajjiżi fir-reġjun bdew proċess ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom mar-reġim Sirjan, li rriżulta fl-integrazzjoni mill-ġdid tas-Sirja fil-Lega Għarbija;

I. billi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar donatur għan-nies

affettwati mill-kunflitt sa mill-2011 hekk kif taw madwar EUR 30 biljun; billi l-għajnuna Ewropea mwiegħda matul il-konferenza ta' Brussell f'Ġunju 2023 tammonta għal EUR 3,8 biljun minn total ta' EUR 5,6 biljun; billi l-Unjoni u l-Istati Membri pprovdew assistenza ta' emerġenza matul it-terremot li laqat lis-Sirja u, fit-23 ta' Frar 2023, l-Unjoni ddeċidiet dwar eżenzjoni umanitarja temporanja mis-sanzjonijiet biex jiġi ffaċilitat it-twassil ta' għajnuna lill-vittmi;

J. billi l-istat Sirjan jindirizza b'mod insuffiċjenti ħafna il-ħtiġijiet bażiċi tal-popolazzjoni, billi s-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiż hija estremament prekarja u billi s-Sirja saret narkostat;

1. Jirrakkomanda lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex, fil-politika tagħhom dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja:

Proċess politiku

a) jfakkru fl-appoġġ tal-UE għall-aspirazzjonijiet demokratiċi Sirjani li jippersistu fil-pajjiż, minkejja repressjoni totali mir-reġim sa mill-protesti paċifiċi fl-2011, b'assistenza militari u finanzjarja deċiżiva mill-Iran u r-Russja sabiex il-klann ta' Assad jibqa' fil-poter;

b) jenfasizzaw ir-responsabbiltà partikolari tar-reġim għall-mewt ta' nofs miljun persuna ċivili, għall-qerda tal-pajjiż, għall-ispostament tal-maġġoranza tal-popolazzjoni, għat-tortura u għall-għajbien ta' 150 000 persuna fis-sistema ta' konċentrazzjoni, l-użu ta' armi kimiċi kontra ċ-ċivili u l-qerda sistematika ta' kwalunkwe oppożizzjoni paċifika;

c) jopponu kwalunkwe normalizzazzjoni mar-reġim ta' Assad mingħajr ebda żvilupp profond u verifikabbli fl-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 2254 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari l-ħelsien ta' priġunieri politiċi, l-għoti ta' informazzjoni lill-familji tal-vittmi dwar id-destin tal-persuni nieqsa u l-waqfien ta' kwalunkwe attakk u ta' kwalunkwe ostaklu għall-għajnuna umanitarja;

d) jenfasizzaw li minkejja d-deċiżjoni sovrana ta' xi stati Għarab li jintegraw mill-ġdid lis-Sirja fil-Lega Għarbija, ir-reġim Sirjan ma qed juri l-ebda sinjal li jrid jiġġieled it-traffikar tan-narkotiċi li joriġinaw mill-pajjiż u li jaffettwaw r-reġjun kollu; jikkundannaw l-ingranaġġ tal-familja Assad u l-alleati tagħha, inkluż l-Hezbollah, fir-rigward tad-droga Captagon, li l-kummerċ tagħha huwa stmat għal USD 57 biljun; jinnotaw li ħu Bashar Al-Assad jikkmanda l-unità tal-armata responsabbli għall-iffaċilitar tal-produzzjoni ta' din id-droga;

e) jenfasizzaw li r-repressjoni, il-ġestjoni ħażina u l-korruzzjoni tar-reġim huma l-kawżi tas-sitwazzjoni ekonomika, u mhux is-sanzjonijiet immirati Ewropej kontra individwi u entitajiet involuti fir-repressjoni;

f) jagħtu malajr eżenzjonijiet konsistenti, estensivi u ċari lill-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali fdati; jarmonizzaw kemm jista' jkun l-interpretazzjoni mill-Istati Membri tar-Regolament dwar miżuri restrittivi fis-Sirja u japplikaw għaliha r-Riżoluzzjoni 2664 (2022) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar l-għajnuna

umanitarja;

g) jilqgħu l-kuraġġ tad-dimostranti fil-bliet ta' as-Suweyda u Daraa li reġgħu qamu b'mod paċifiku kontra r-reġim ta' Assad minn Awwissu 2023;

Sigurtà

h) jiddeploraw il-preżenza kontinwa fit-territorju Sirjan ta' mijiet ta' bażijiet u milizzji Iranjani u Russi; jesprimu tħassib dwar l-isfruttament ekonomiku tal-pajjiż minn setgħat barranin predatorji;

i) jikkundannaw l-attakki mill-forzi Torok u l-okkupazzjoni tagħhom tat-territorji Sirjani fit-Tramuntana tal-pajjiż; jesprimu tħassib dwar il-persistenza tal-oppożizzjoni Iżlamista radikali fil-provinċja ta' Idlib; jappoġġjaw il-fatt li l-koalizzjoni internazzjonali kontra l-ISIS tinżamm, li għadha attiva fis-Sirja minkejja telfiet sinifikanti;

j) jenfasizzaw ir-rwol tal-Forzi Demokratiċi Sirjani fil-ġlieda kontra l-ISIS;

k) iħeġġu lill-Istati Membri biex ikomplu r-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini tagħhom li jinsabu fil-kampijiet ta' priġunieri ġiħadisti ta' Al-Hol u Roj u biex itellgħuhom quddiem il-qrati għad-delitti tagħhom;

l) iżidu l-isforzi biex jiġġieldu id-diżinformazzjoni Russa dwar is-Sirja, b'mod partikolari bil-lingwa Għarbija;

Il-ġlieda kontra l-impunità

m) jenfasizzaw li l-ġlieda kontra l-impunità fis-Sirja hija imperattiv morali u politiku għall-Ewropa; jilqgħu l-progressi ġudizzjarji tal-Iskwadra ta' Investigazzjoni Konġunta Franko-Ġermaniża għall-11 000 kadavru ta' vittmi tat-tortura identifikati fir-rapport Caesar, għas-sospensjoni tas-Sirja mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi u għall-progress li sar fil-Ġermanja, Franza u l-Iżvezja biex il-kriminali Sirjani jitressqu quddiem il-ġustizzja;

n) iħeġġu skambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri kollha dwar kriminali tal-gwerra li t-talba tagħhom għall-ażil tiġi miċħuda skont l-Artikolu 1, is-sezzjoni F, tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati;

o) jitolbu li l-għarfien espert u l-interpreti jinġabru flimkien bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-pulizija, b' prosekutur pubbliku maħtur f'kull Stat għal delitti kontra l-umanità; jitolbu li l-boroż ta' studju Ewropej jiġu allokati speċifikament lis-Sirjani li qed ifittxu taħriġ legali;

p) jistiednu lill-Istati Membri jistabbilixxu fond Ewropew għall-vittmi ta' delitti kontra l-umanità fis-Sirja, billi jiżviluppaw qafas legali li jippermetti t-trasferiment lill-familji tal-vittmi ta' fondi ffriżati marbuta mal-assi miksuba illegalment tar-reġim Sirjan;

q) jilqgħu l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

tad-29 ta' Ġunju 2023 li tistabbilixxi istituzzjoni għall-persuni nieqsa fis-Sirja, u l-finanzjament kontinwu tal-Mekkaniżmu Internazzjonali, Indipendenti u Imparzjali biex jappoġġja l-investigazzjoni tad-delitti l-aktar serji mwettqa fis-Sirja mill-2011;

Għajnuna umanitarja u rifuġjati

r) jistiednu lill-komunità internazzjonali, matul il-konferenza ta' Brussell tal-2024, biex iżżid b'mod urġenti l-assistenza umanitarja tagħha lill-15,3 miljun Sirjan u Sirjana li jiddependu fuqha fuq bażi ta' kuljum; jinsistu fuq l-aċċess għall-ilma nadif, għall-edukazzjoni u għall-appoġġ baġitarju fit-tul adattat għall-ħtiġijiet tan-nisa; ifakkru li l-Unjoni hija l-akbar kontributur f'dan ir-rigward; jilqgħu l-isforzi kontinwi tal-Libanu, il-Ġordan, it-Turkija u l-Iraq biex jospitaw 6 miljun rifuġjat u rifuġjata f'kundizzjonijiet ekonomiċi diffiċili;

s) jikkundannaw it-tentattivi sistematiċi mir-reġim Sirjan biex jiddevja l-għajnuna umanitarja internazzjonali u t-trasferiment lill-milizzji u l-manipulazzjoni tiegħu tar-rati tal-kambju bl-għan li jieħu l-maġġoranza tal-għajnuna fit-territorji taħt il-kontroll tiegħu;

t) jikkundannaw bil-qawwa l-għadd kbir ta' vetos tar-Russja kontra t-twassil ta' għajnuna lin-nies fit-Tramuntana; jiddenunzjaw għal darb'oħra t-tentattivi tagħha biex ittebba' l-immaġni tal-Elmi Bojod;

u) ifakkru li s-Sirja ma tistax titqies, kompletament jew parzjalment, bħala pajjiż sikur għar-ritorn taċ-ċittadini rifuġjati tagħha fl-Ewropa, li ħarbu mid-delitti tar-reġim u li jirriskjaw tortura u għajbien furzat jekk jirritornaw lejn is-Sirja;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u biex tiġi tradotta u ppubblikata bl-Għarbi.